30 ta' Novembru, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Anthony Cassar *versus* Anthony Camilleri ne

## Dazju —Reklami — Plakki — Art. 4 tal-Kap. 122

*Fost affarijiet oħra, il-Liġi tad-Dwana teżenta mill-ħlas tad-dazju tal- importazzjoni l-kartelluni u l-materjal ta' reklam, li, mingħajr ma jkollhom valur kummerċjali, huma ntiżi biex iħajru n-nies jixtru mill-prodotti bihom reklamati; purkè, però, dan il-materjal jitqassam b'xejn, u jġib fuqu stampat l-isem tad-ditta jew impriża reklamata, u l-karattru tagħhom ta' materjal ta' reklam ikun ċar.*

*Plakki tal-metall li jġibu fuqhom l-isem tad-ditta li timportahom, u li l-karattru tagħhom ta' reklam huwa ovvju, li ma għandhomx valur kummerċjali apparti l-fatt li huma sempliċi reklam, u li jitqassmu b'xejn għall-finijiet ta' sempliċi reklam, huma għalhekk eżenti mid-dazju tal-importazzjoni; u dan avvolja huma tal-metall.*

*L-esklużjoni tal-plakki metalliċi minn dina l-eżenzjoni għar-raġuni illi l-istampa litografika tar-reklam hija magħmula fuq il-metall, hija arbitrarja, u ma hix aċċettabbli.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi d-ditta attriċi mpurtat mill-Belġju 1470 plakka tal-metall ("metal placards") bħala reklam ta' prodotti tad-ditta attriċi, permezz tal-vapur S.S. Bygholm; u billi dawn il-plakki huma stampati, u jsiru għalbiex jitwaħħlu mal-ħitan bħala reklam, u ma għandhomx valur kummerċjali, u huma ntiżi biex iħajru lill-publiku jixtri l-prodotti tad-ditta attriċi, u jitqassmu mingħajr ħlas, u fihom l-isem tad-ditta, u b'hekk għandhom jaqgħu taħt il-klassifika ta' "Advertising Material" tat-Third Schedule tal-Import & Export Duties Ordinance (Kap. 122), u konsegwentement huma eżenti mill-ħlas tad-dazju; u billi l-konvenut nomine rrifjuta li jikkonsenja l-imsemmija plakki mingħajr ħlas ta' dazju; talab li, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi dikjarat li l-plakki fuq imsemmija jaqgħu taħt il-klassifika ta' "Advertising Material" tat-Third Schedule tal- Import & Export Duties Ordinance (Kap. 122), u għalhekk huma eżenti mill-ħlas ta' dazju. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Novembru 1955;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Mejju 1956, li biha dik il-Qorti ddeċidiet billi ċaħdet it-talba attriċi, u ordnat li l-ispejjeż kollha, kompriża d-depożizzjoni tax-xhud espert Paul Bonavia, li biħ isserviet il-Qorti għall-finijiet tal-kawża, jinġabru u jitħallsu nofs kull wieħed bejn il-kontendenti, b'dan li d-dritt tar-Reġistru jibqa' esklużivament għall-attur nomine; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Mil-artijiet tal-kawża jidher li l-vertenza kollha bejn il-kontendenti tirraġġira ruħha dwar il-punt jekk il-plakki, li eżemplari tagħhom ġew eżibiti fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża, għandhomx jaqgħu taħt il-klassifika ta' "Advertising Material" tat-tielet skeda tal-Kap. 122 tal-Edizzjoni Riveduta tal-LL. ta' Malta, b'mod li jkunu eżenti minn dazju jew le;

Illi sabiex qabel xejn ikunu aħjar stabbiliti l-fattijiet, jingħad li mill-provi, li dwarhom ma hemmx kontestazzjoni, *jirriżulta li l-plakki eżibiti huma żewġ* plakki jew "trays" ta' materjal tal-landa, li skond ix-xhud Bonavia fuqhom *hemm, bil-makna* litografika, li tistampa l-metall bil-proċess teknikament konoxxut bħala stampa foto-litografika, impressi *l-prodotti tad-ditta* attriċi u dawk ir-riproduzzjonijiet ta' materja prima tal-istess prodott, kif ukoll tal-fabbrika eżerċenti l-kummerċ partikulari tagħha; u skond id-ditta li ffabbrikathom il-proċess tagħhom huwa "chromo-litographic"; u fiż-żewġ ipotesijiet jistgħu *jservu*, kif jingħad fl-att taċ-ċitazzjoni, għalbiex jitwaħħlu mal-ħitan bħala reklam, u huma ntiżi biex iħajru lill-publiku jixtri l-prodotti tal-*istess ditta attriċi, u jitqassmu mingħajr ħlas;*

Illi, skond is-sezzjoni 4 tal-Kapitlu 122, l-oġġetti u arti-*koli mniżżlin* fit-tielet skeda li hija annessa ma' dik il-Liġi, u li jiġu mpurtati f'dawn il-Gżejjer jew maħruġa mid-depost *għall-konsum f'dawn il-Gżejjer*, ma jħallsux dazju. L-iskedi viġenti mdaħħla taħt l-Ordinanza dwar id-dazji ta' importazzjoni u *esportazzjoni* (Kap. 122) jinsabu riprodotti fil-Malta Government Gazette Supplement nru. XXV tal-31 ta' Ottubru 1950 (Govt. Gazette page 481 u ta' wara); u t-tielet skeda, li tinteressa dina l-kawża, hija miġjuba fil-paġ. 501 u ta' wara. Taħt it-titolu "Manufactured Articles" *jidħol is-subtitolu* "Advertising Material", id est "Advertising Matter Printed", li tirriferixxi għal (1) "catalogues *of goods and prices*", (2) "prospectuses", (3) "posters and printed propaganda which, without commercial value proper, *is intended to induce* the public to buy goods et cetera, on condition that such advertising matter is distributed (a) free of all charges *and* carries in print the name of the firm or undertaking advertised, and on condition (b) that its character of advertising matter shall be obvious";

Illi huwa risaput illi "in materia gabellarum", jew liġijiet fiskali, għandha tipprevali l-interpretazzjoni *letterali*, u *l-istess* liġijiet *ma jistgħux dejjem jinterpretaw ruħhom bir*-regoli tad-Dritt Komuni, għalkemm dana l-istess Dritt *ma għandux jitlef* l-effikaċja tiegħu meta ma jkunx hemm dis-

pozizzjonijiet apposta fuq is-suġġett kontrovers (ara Appell "Dr. Carlo Manché vs. Onor. Huber ne." tas-7 ta' Diċembru 1921; Appell "Simonds De Brett ne. vs. Turner ne.", 16 ta' Frar 1934; Appell "Farrugia vs. Agius ne.", 16 ta' Jannar 1950). L-ekwità, in vista tal-fatt li "in subjecta materia" hija l-liġi partikulari li għandha biss tiġi applikata skond is-sens li jkun jirriżulta mis-sinifikat tal-kliem użati mill-leġislatur, ma toffrix kamp għall-eżerċizzju tagħha, almenu skond ma tirritjeni d-dottrina prevalenti in materja tal-eżerċizzju ta' dritt singulari. Jingħad ukoll li fid-dubju, jekk ikun hemm oskurità fil-liġi dwar l-estensjoni tal-imposti, dana l-istess dubju għandu jiġi pjuttost riżolut f'sens affermattiv; il-għaliex il-kawża tal-istess imposta hija radikata fl-utilità publika — "interdictum hoc publicae utilitati proponi palam est" — u bejn il-kontribwent u l-istat ma jeżistix ir-rapport tal-kuntratt, u kwindi ma jistgħax isib applikazzjoni l-art. 1052 tal-Kodiċi Ċivili, iżda l-obligu għall-pagament tal-istess imposta jitnissel mill-liġi;

Illi, stabbiliti dawn il-prinċipji ta' indoli legali, jingħad li mid-depożizzjoni tal-attur jirriżulta li d-ditta attriċi mpurtat dawn il-pakki fuq kampjun li uriha l-aġent tad-dar li għamlithom, wara, però, li huma għamlulu "sketch" jew "sketches" kif riedu li jkunu dawk l-oġġetti li huma riedu jordnaw; u billi l-karta tiddeterjora ruħha ħafna, xtaqu li l-istess jiġi mpress, minflok fuq il-karta, inveċi jiġu mpressi fuq il-landa; u fil-fatt hekk għamlu. Meta waslu hawn Malta, id-ditta attriċi ppretendiet li l-istess għandhom ikunu eżenti mid-dazju, bħala li kienu jiffurmaw "advertising matter", iżda d-Dwana rriteniet diversament, u d-ditta attriċi spiċċat biex irtirathom, u ħallset taħt protesta d-dazju rikjest u mpost; u ġiet il-quddiem bil-kawża tal-lum;

Illi preliminarment jingħad li huwa tajjeb li l-kwistjoni tiġi eżaminata u studjata fir-relazzjoni tat-test Ingliż tal-liġi; l-għaliex bejn dana t-test u dak bil-Malti tidher differenza sensibbli, u skond is-sezzjoni 33 tal-"The Malta Constitution Letters Patent, 1947", meta hemm differenza bejn iż-żewġ testi għandu jkollu prevalenza l-istess test Ingliż, u fuqu l-interpreti għandu jimxi u joqgħod;

Illi, meta l-leġislatur fisser il-kliem "Printed Advertising Matter", adopera sistema partikulari. Infatti, għall-ewwel enumera l-katalogi ta' merkanzija u prezzijiet, prospetti u "posters", li huma termini partikulari ristretti fis-sinifikat tagħhom etimoloġiku u letterali, u mbagħad, bil-konġuntiva "and", semma' l-"printed propaganda", li huwa terminu ġeneriku, b'mod li ħass in-neċessità li jispjegah u jiċċirkoskrivieh dwar il-fini tiegħu u dwar in-natura, użu jew tmexxija tiegħu, kif ukoll karattru, li ried li jkunu ben delineati;

Illi ma jistax ikun hemm kwistjoni li l-plakki in parola ma jistgħux jidħlu la taħt it-terminu "katalogi tal-merkanzija u prezzijiet", kif lanqas taħt dak ta' "prospectuses". Fil-ħsieb tal-Qorti, lanqas ma jistgħu jiġu mdaħħla taħt itterminu "posters", l-għaliex dana l-istess terminu etimoloġikament jippresupponi "kitba jew stampa fuq il-karta jew materja mhux iebsa" li tista' tiġi affissa f'post pubbliku (ara vox "Poster", The Shorter Oxford Dictionary, page 1553, l-ewwel kolonna, taħt in-numru 2, Vol. II, reprint 1952, 3za edizzjoni; u idem, vox "Placard", no. 2, p. 1512, l-ewwel kolonna); u letteralment u volgarment jassoċjaw mal-ħsieb tal-manifesti u kartelluni, u mhux ġa mar-reklami fissi u metalliċi;

Illi minn dan jidher, kwindi, li, sa fejn intqal s'issa, il-leġislatur kien qiegħed jikkontempla materji ta' stampa fuq il-karta, u mhux ġa materji ta' stampa fuq superfiċi iebsa;

Illi fl-ispjega fuq imsemmija l-leġislatur jaġġunġi l-"printed propaganda", li huwa jkompli jfisser bil-kliem ta' wara dwar il-valur proprju tagħha bħala materja u dwar taħt liema kondizzjonijiet tista' tkun kunsidrata bħala materja eżenti minn dazju. Il-kelma "propaganda", interpretata fl-isfond tal-materji li fuqhom tkellem il-leġislatur, hija l-azzjoni sistematika għat-tmexxija ta' ġeneru ta' kummerċ jew intrapriża li tkun tokkupa ruħha minnu jew minnha, skond il-każ, dik l-azzjoni. It-terminu "printed", filħsieb tal-Qorti, għandu jkun intiż fis-sens ċirkoskritt għall-ġeneru u l-enumerazzjoni preċedenti magħmula mill-leġis-

latur, għandu jinterpreta ruħu loġikament mal-kontest tiegħu; huwa wkoll minnu li l-fini tal-leġislatur ma għandux jiġi minsi f'dik l-istess interpretazzjoni. Fil-verità, jingħad li, skond ma jidher mill-liġi, il-"chromo-litographies" in ġenerali, li huma teknikament "printed matter", sew jekk magħmula fuq superfiċi mhix iebsa, bħal ma huma l-karta u l-kartelluni ("cardboard"), sew jekk magħmula fuq superfiċi iebsa, bħal ma hija l-landa, jidher li huma suġġetti għat-tribut "de quo" (ara t-tielet skeda paġina 504); l-għaliex huma eżentati biss meta jiġu mpurtati f'dawn il Gżejjer "to be overprinted locally for free distribution of articles of reclame";

Issa, meta l-leġislatur hekk iddispona, u ċjoè meta mmenzjona materja maħduma bi proċess speċjali tal-"printing" bħala eżenti mid-dazju meta tkun impurtata għax-xogħol lokali minn neguzjant, u għal fini minnu determinat, huwa ta' bilfors ma setgħax kien qiegħed jikkontempla fl-istess liġi band'oħra fejn issemmiet il-kelma "print", l-għaliex mhux preżunt li l-"framer of the law" ried li jġib konfużjoni tawtoloġika, in ispeċje f'materja hekk delikata bħal ma hija dik fuq id-dazju; u anki għaliex il-liġi trid tiġi nterpretata dwar il-kliem adoperati u l-fini mpost fil-kumpless tagħha bħala armonika;

Jingħad ukoll li l-fatt li l-"chromolitographies" huma eżentati fil-kontinġenzi speċjali menzjonati mill-leġislatur juri li, meta ma jkunux b'dik il-kondizzjoni u għal dak l-iskop impurtati, l-istess kromo-litografiji impressi fuq superfiċi iebsa, bħal ma hija l-landa, mhumiex eżentati; l-għaliex huwa fatt risaput minn nies li għandhom interess fil-materja li hawn, f'dan il-pajjiż, il-materji maħduma b'dak il-proċess jistgħu lokalment jiġu "overprinted" meta jkunu limitati għal ħwejjeġ li jkollhom biss is-superfiċi mhux iebsa, bħal ma huma l-karta u l-kartelluni. il-għaliex, bħal ma qal ix-xhud espert Bonavia, f'dawn il-Gżejjer ebda "printing press" ma għandha l-makkinarju adatt u meħtieġ sabiex tagħmel "over printing" fuq bażi iebsa, bl-eċċezzjoni ta'

marka li tagħmel l-"overprints" tal-"crown corks", u li hija differenti minn dik tal-"printing presses"; u l-leġislatur ma setax ma jkunx konsapevoli minn dan il-fatt. Li l-leġislatur segwa s-sistema li ċerti materji ma jeċċettwahomx mid-dazju ħlief f'ċerti kontinġenzi biss jidher ukoll mill-materja prima tal-landa, li "per sè" mhix eċċettwata mid-dazju ħlief fiż-żewġ ipotesijiet menzjonati fil-qiegħ tal-paġna 504, it-tielet skeda. U l-istess ħaġa jingħad għall-aluminju impurtat mhux għal skopi industrijali u meta l-istess materja tiġi mpurtata għall-iskopi industrijali. Anzi fil-każ tal-landa bħala tali, jew proċessata litografikament u inverniċjata, li per sè hija suġġetta għal tribut, il-leġislatur iponiha b'eżenzjoni jekk jiġi pruvat jew muri li hija intiża għal skopijiet industrijali;

Illi min dan jitnissel, kwindi, li l-kelma "printed" annessa mal-kelma "propaganda" wara l-kliem, jew aħjar termini ta' qabel, li jimpurtaw stampa fuq il-karta u kartelluni "et ejusdem genera", għandha tiġi nterpretata limitatament għall-istampa tal-istess ġeneru, li huwa dak tal-istampa fuq il-karta, il-materja mhux iebsa kif volgarment, komunement u letteralment tintendi ruħha mill-publiku in ġenerali, u mhux ġa kif hija ntiża mit-tekniċi; u li in konsegwenza l-plakki in kwistjoni, għalkemm jassolvu l-kondizzjonijiet l-oħra tal-liġi minħabba l-fatt rilevat fuq, ma *jidħlux* fl-eżenzjoni;

Illi jingħad, però, li fid-dawl tal-progress modern huwa dover u dmir tal-Gvern li jirrivedi dawn l-anomaliji, "multo magis" meta jiġi kunsidrat li l-eżenzjonijiet tad-dazju ħafna minnhom jirpużaw fuq il-ħsieb tal-prima neċessità meħtieġ għall-publiku, *tal-promozzjoni tal-kummerċ, tal-industriji* lokali, tal-edukazzjoni in ġenerali, meta ma jkunx a favur tal-korpijiet (bħal ma huma t-Tliet Servizzi) tal-Maestà Tagħha r-Reġina speċjali, li minnhom jiddependi l-benessere u l-ġid tan-negozju in ġenerali;

Illi fi kwalunkwe każ jingħad li fid-dubju, skond ma *taħseb id-dottrina in materja* (ara fost oħrajn l-opra konoxxuta u preġjata tal-Clementini, fil-kap fuq l-interpretazzjonijiet tal-liġijiet tributarji, Vol. I, paġ. XXXII, para

6, Capo III), l-istess dubju għandu jiġi riżolut pjuttost *f'sens affermattiv tat-tribut*; l-għaliex il-kawża tal-imposta hija ta' utilità publika, u mhix per sè odjuża;

Illi d-diffikultà tal-meritu li ħasset onestament il-Qorti fis-soluzzjoni tal-kwistjoni tissuġġerixxi temperament fil-kap tal-ispejjeż;

Rat in-nota tal-appell tal-attur.........;

Rat il-petizzjoni tal-attur appellant, li talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u l-laqgħa tat-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-plakki msemmija fit-taħrika, u li fuqhom hemm il-kwistjoni li tifforma l-meritu ta' dil-kawża, huma ta' għamla ta' "tray" tal-landa, u fuqhom hemm stampat b'makna litografika, u bi proċess kromo-litografiku, l-immaġini tal-prodotti kummerċjali tad-ditta attriċi u ta' materja prima ta' dawk il-prodotti, bl-isem tad-ditta, u jservu biex jitwaħħlu mal-ħitan bħala reklam tal-prodotti tad-ditta attriċi stess. Dana jirriżulta mis-sempliċi ħarsa lejn l-eżemplari ta' dawk il-pakki, li ġew eżibiti f'dil-kawża. Li huma stampati u kif inhuma stampati jirriżulta mix-xhieda ta' Paolo Bonavia, li huwa espert fl-arti litografika (fol. 20 u 48);

Illi, skond is-sezzjoni 4 tal-Kap, 122 tal-Liġijiet u t-tielet skeda msemmija f'dik is-sezzjoni, huma eżenti mid-dazju, fost affarijiet oħrajn, "posters and printed propaganda which, without commercial value proper, is intended to induce the public to buy goods et cetera, on condition that such *advertising matter is distributed free of all* charges and carries in print the name of the firm or undertaking advertised, and on condition that its character of advertising matter shall be obvious";

Ikkunsidrat;

Illi l-plakki in kwistjoni jġibu fuqhom l-isem tad-ditta attriċi, l-karattru ta' reklam tagħhom huwa ovvju; għax ma jiswewx għal ħaġ'oħra ħlief biex javżaw il-prodott lill-publiku, u b'hekk jagħmlulu reklam, u jħajru n-nies jixtru

dak il-prodott. Ma jidherx li għandhom xi valur kummerċjali proprju, apparti l-fatt li huma sempliċi reklami, u ma jidherx kontestat li dawk il-plakki ma jinbiegħux, iżda jitqassmu b'xejn kif jingħad fil-korrispondenza eżibita, għallfinijiet ta' sempliċi reklam;

*Li l-proċesss tal-produzzjoni tal-immaġini u kitba fuq* dawk il-plakki huwa proċess ta' stampa jirriżulta mixxhieda tal-espert Bonavia u mill-fatt li l-proċess foto-litografiku huwa proċess speċjali ta' stampa. B'konferma ta' dan hemm id-definizzjoni li l-Ordinanza dwar l-Istampa (Kap. 117 tal-LL.) tagħti ta' "printed matter" — "stampati" — *fl-art. 3, li jgħid li "stampat" ifisser kull kitba stampata* b'tipi tipografiċi jew b'litografija, jew b'mezzi jew proċessi oħra bħal dawn, fuq karta jew sustanza oħra, kif ukoll kull kartellun jew avviż ieħor li jitwaħħal. miktub, stampat, impinġut, riżaltat, jew xort'oħra impress, li jkun fih sinjali jew kitba ......" Dina d-definizzjoni hija komprensiva, u *tikkomprendi anki l-istampa fuq il-metall, billi tikkontem*pla sew l-istampa fuq karta kemm fuq sustanzi oħrajn;

Huwa veru li dik id-definizzjoni tinsab f'liġi oħra, iżda dik id-definizzjoni sservi wkoll biex tixħet dawl fuq issens tal-kliem "printed propaganda" — "advertising matter, printed"; u *fl-assenza ta' definizzjoni fil-liġi tal-Kap. 122* ma hemm l-ebda raġuni l-għala l-Qorti ma tirrikorrix għal dik id-definizzjoni biex minnha tieħu s-sinifikat tal-kelma "printed". Fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Ġunju 1943, in re "Carmelo Pirotta vs. Giuseppe Zammit Tabona", dina l-Qorti kellha okkażjoni tirrileva li fl-assenza ta' definizzjoni ma hemm xejn li jivvjeta *lill-Qorti*, anzi huwa xieraq, *li* ssegwi d-definizzjoni magħmula f'każi differenti minn liġi oħra. meta ċ-ċirkustanzi jkunu jippermettu u ma jkunx hemm raġunijiet in kuntrarju (Kollez. Vol. 31, P.I., p. 370); u fil-każ in eżami, mhux biss iċ-ċirkustanzi jippermettu u xejn ma hemm in kuntrarju, iżda huwa loġiku li s-sens talkelma "stampat" — "printed" jittieħed *mill-liġi speċjali li* tirregola preċiżament l-istampa u l-istampati:

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' dik id-definizzjoni, kif ukoll fil-konċett ġenerali ta' stampa, il-plakki in kwistjoni jidħlu fil-kategorija tal-propaganda kontemplata fit-tielet skeda tal-oġġetti eżentati mid-dazju; għax fihom jirrikorru r-rekwiżiti kollha kontemplati għar-rigward ta' "printed propaganda" u "advertising matter". L-esklużjoni tal-plakki metalliċi mill-eżenzjoni għar-raġuni li l-istampa litografika hija fuq metall, hija arbitrarja, u mhix aċċettabbli;

L-Ewwel Qorti ġibdet argument favur it-teżi tad-dazjabbilità tal-oġġetti in kwistjoni mill-fatt li fl-istess liġi hija inkluża mal-eżenzjonijiet il-kromo-litografija biex issir l-istampa fuqhom fil-pajjiż għat-tqassim b'xejn bħala oġġett ta' reklam. Iżda dik l-eżenzjoni ma teskludix l-eżenzjoni mid-dazju ta' reklami metalliċi li jiġu stampati bil-proċess kromo-litografiku u lesti għat-tqassim b'xejn; anzi turi li l-leġislatur ried jiffavorixxi l-propaganda kummerċjali billi jeżenta mhux biss ir-reklami ġa stampati u lesti, iżda anki l-materja li tkun intiża biex isservi unikament għall-produzzjoni ta' reklami li jitqassmu b'xejn. U tabilħaqq, insibu fl-istess skeda tal-eżenzjonijiet ukoll pjanċi tal-landa, litografata mpurtata għal skopijiet industrijali. U l-leġislatur semma l-kromo-litografiji espressament biex ineħħi kull dubju li seta' jinqala' dwar l-eżenzjoni tagħhom mid-dazju bħala materji semi-maħduma, u għalhekk differenti mill-landa litografata;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell tal-attur, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.